VARK
visual aural read/write kinesthetic

# IL-KWESTJONARJU VARK (Version 7.0)

## L-aħjar mod kif nitgħallem

Maqlub għall-Malti minn David Muscat

Agħżel it-tweġiba li tgħodd l-aktar għalik. Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda jekk taħseb li hemm aktar minn tweġiba waħda li tgħodd għalik. Jekk l-ebda tweġiba ma tolqtok, timmarka xejn.

1. Tixtieq turi lil xi ħadd it-triq għall-ajruport jew kif jasal fil-qalba tar-raħal fejn toqgħod jew kif imur lura l-lukanda. X'tagħmel?
    a. Twasslu sal-post fejn ikun jixtieq imur?
    b. Tgħidlu kif għandu jasal?
    c. Tiktiblu kif għandu jasal bla ma tagħtih mappa?
    d. Tpinġilu t-triq fuq karta jew tagħtih mappa?
2. M'intix ċert kif tispelli l-kelma tħit, hux tħit jew tħiet. X'tagħmel?
    a. Tistħajjel il-kelma f'moħħok u tagħżel il-kelma li tidhirlek xierqa?
    b. Tgħid iż-żewġ kelmiet u tagħżel waħda minnhom?
    c. Tfittixha fid-dizzjunarju?
    d. Tikteb iż-żewġ kelmiet fuq karta u tagħżel waħda minnhom?
3. Għadek kif irċevejt kopja tal-programm ta' safra li se tagħmel ma' ħbiebek. Tixtieq tkun taf ħbiebek x'jaħsbu fuq il-programm. X'tagħmel?
    a. L-ewwel darba li tiltaqgħu, tiddeskrivilhom fuq fuq il-programm?
    b. Tinqeda b'mappa tad-dinja jew b'sit elettroniku biex turihom il-postijiet li se żżuru?
    c. Tibagħtilhom kopja tal-programm?
    d. Iċċemplilhom jew tessemmesjahom jew tiktbilhom ittra elettronika ?
4. Se ssajjar ikla speċjali lil tal-familja. X'tagħmel?
    a. Issajjar xi ħaġa li taf issajjar bla ma ssegwi l-ebda struzzjonijiet?
    b. Tistaqsi lil xi ħadd jagħtik parir x'għandek issajjar?
    c. Tqalleb fil-ktieb tar-riċetti biex tieħu xi ideat mill-istampi?
    d. Tfittex riċetta tajba fi ktieb tar-riċetti li ġieli użajt?
5. Tqabbadt tagħti tagħrif lil grupp ta' turisti dwar ir-riservi jew il-parks naturali ta' pajjiżek. X'tagħmel?
    a. Tagħtihom taħdita jew tqabbad lil xi ħadd ikellimhom fuq ir-riservi jew il-parks naturali?
    b. Turihom xi stampi, ritratti, kartolini u kartelluni?
    c. Teħodhom iżuru riserva jew park naturali?
    d. Tagħtihom fuljetti jew kotba fuq ir-riservi jew il-parks naturali?
6. Se tixtri mowbajl ġdid jew kamera diġitali. Minbarra l-prezz, xi tqis l-aktar qabel tagħżel x'se tixtri?
    a. Kif jaħdem l-apparat x'ħin tippruvah jew tarah jaħdem?
    b. It-tagħrif li taqra fuq l-apparat?
    c. Id-dehra sabiħa u moderna ta' l-apparat?
    d. It-tagħrif li jagħtik il-bejjiegħ fuq l-apparat?
7. Ipprova ftakar mument f'ħajtek li fih tgħallimt tagħmel xi ħaġa ġdida. Tagħżilx xi ħila fiżika, ngħidu aħna kif issuq rota. Int titgħallem l-aktar billi:
    a. Tara lil xi ħadd jagħmel dik il-ħaġa?
    b. Issegwi l-ispjegazzjonijiet li jingħatawlek bil-fomm u tistaqsi l-mistoqsijiet?
    c. Tħares lejn stampi, dijagrammi u ċarts?
    d. Timxi ma'struzzjonijiet stampati jew miktuba, bħal ma jkun hemm fil-manwali?

8. Qed tuġġħek irkobbtok. Kif tkun tixtieq li t-tabib jispjegalek x'għandek? Billi:
   a. Jagħtik ktieb fuq l-irkobbtejn jew sit elettroniku fejn tista' ssib it-tagħrif kollu li teħtieġ?
   b. Jinqeda b'mudell tal-plastik ta' l-irkobba biex jurik x'għandek?
   c. Jgħidlek kif u minn fejn ġej l-uġigħ?
   d. Jinqeda b'disinn biex jurik x'għandek?
9. Se titgħallem kif tħaddem programm ġdid jew tilgħab logħba tal-kompjuter. X'tagħmel?
   a. Taqra l-istruzzjonijiet li jkun hemm fil-manwal li jingħata mal-programm jew mal-logħba?
   b. Iċċempel jew tkellem lil xi ħadd li jaf iħaddem il-programm jew il-logħba?
   c. Taqbad il-programm jew il-logħba u tibda tesperimenta u tipprova?
   d. Issegwi pass pass l-istampi li jkun hemm fil-manwal li jingħata mal-programm jew mal-logħba?
10. Int jogħġbuk is-siti elettroniċi li:
   a. Iħalluk iċċaqlaq l-affarijiet u tilgħab bihom kif jogħġbok?
   b. Ikunu kollha stampi u disinji sbieħ?
   c. Ikunu mimlija deskrizzjonijiet, listi u informazzjoni?
   d. Ikollhom il-mużika għaddejja jew ikunu mqabbdin ma' xi radju jew li jsemmgħulek xi intervisti jew diskursati?
11. Minbarra l-prezz, lejn xiex tħares meta tiġi biex tixtri ktieb ġdid? Lejn:
   a. Kemm ikun jidher sabiħ minn barra?
   b. L-impressjoni li jagħtik x'ħin taqra xi erba' paġni minnu?
   c. Dak li jkun qallek xi ħabib fuqu?
   d. L-istorja jew is-suġġett li jittratta?
12. Qed tinqeda bi ktieb jew CD jew sit elettroniku biex titgħallem tieħu r-ritratti bil-kamera diġitali l-ġdida tiegħek. X'tixtieq li jkollok fil-manwal?
   a. Ħolqa għal xi sit elettroniku fejn tkun tista' tistaqsi tagħrif fuq il-kamera u kif taħdem?
   b. Struzzjonijiet ċari, b'listi u b'punti biex timxi magħhom pass pass int u tħaddem il-kamera?
   c. Dijagrammi ta' kull parti tal-kamera u kif dawn il-partijiet jaħdmu?
   d. Eżempji ta' ritratti meħudin sew u oħrajn le, u turija kif tuża l-kamera biex tiġbed l-aħjar ritratti?
13. Min jogħġbok l-aktar? Għalliema jew preżentaturi li jinqdew:
   a. Bil-wirjiet, bil-mudelli, u bis-sessjonijiet prattiċi?
   b. Bil-mistoqsijiet u t-tweġibiet, it-taħditiet, id-diskussjonijiet fi gruppi u l-laqgħat ma' kelliema distinti?
   c. Bil-kotba, bil-karti tagħrif u bis-siltiet għall-qari?
   d. Bid-disinji, iċ-ċarts u l-graffijiet?
14. Għadek kif għamilt test jew eżami. Kif tixtieq li jasallek ir-riżultat?
   a. Bħala lista, b'eżempji meħudin minn xogħlok?
   b. Fuq karta stampata?
   c. Bil-fomm?
   d. F'forma ta' graffijiet u tabelli?
15. Qiegħed f'restorant u se tiddeċiedi x'se tiekol? X'tagħmel?
   a. Tagħżel xi platt li tkun diġà kilt darba oħra?
   b. Tara x'parir jagħtik il-wejter jew x'jissuġġerixxu ħbiebek?
   c. Tagħżel dak li jolqtok l-aktar fil-menù?
   d. Tara x'qed jiekol ħaddieħor jew tifli l-istampi ta' l-ikel?
16. Se tagħti taħdita importanti waqt seminar jew f'xi okkażjoni speċjali. Biex tinqeda biex tagħti l-fehmiet tiegħek?
   a. B'dijagrammi, stampi u graffijiet?
   b. B'lista ta' kliem ewlieni mħejji minn qabel li jfakkrek x'għandek tgħid?
   c. B'taħdita miktuba u moqrija għal bosta drabi minn qabel?
   d. B'għadd ta' eżempji prattiċi mill-ħajja ta' kuljum u stejjer reali?

VARK
visual aural read/write kinesthetic

# The VARK Questionnaire Scoring Chart

Use the following scoring chart to find the VARK category that each of your answers corresponds to. Circle the letters that correspond to your answers

e.g. If you answered b and c for question 3, circle V and R in the question 3 row.

| Question | a category | b category | c category | d category |
|---|---|---|---|---|
| 3 | K | V | R | A |

## Scoring Chart

| Question | **a** category | **b** category | **c** category | **d** category |
|---|---|---|---|---|
| 1 | K | A | R | V |
| 2 | V | A | R | K |
| 3 | K | V | R | A |
| 4 | K | A | V | R |
| 5 | A | V | K | R |
| 6 | K | R | V | A |
| 7 | K | A | V | R |
| 8 | R | K | A | V |
| 9 | R | A | K | V |
| 10 | K | V | R | A |
| 11 | V | R | A | K |
| 12 | A | R | V | K |
| 13 | K | A | R | V |
| 14 | K | R | A | V |
| 15 | K | A | R | V |
| 16 | V | A | R | K |

## Calculating your scores

Count the number of each of the VARK letters you have circled to get your score for each VARK category.

| | |
|---|---|
| Total number of **V**s circled = | |
| Total number of **A**s circled = | |
| Total number of **R**s circled = | |
| Total number of **K**s circled = | |

## Calculating your preferences

Use the VARK spreadsheet (which can be purchased from the www.vark-learn.com web site) to work out your VARK learning preferences.